



## IĊ-ĊENSIMENT U R-REĠISTRU TAL-KNPD

Meta l-istatistika taċ-Ċensiment titqabbel ma' statistika simili li hemm fir-Reġistru tal-KNPD, joħorġu dawn il-konklużjonijiet prinċipali:

- In-numru ta' persuni b'diżabilità reġistrati mal-KNPD fl-2005 hu kważi terz ta' dawk identifikati bħala persuni b'diżabilità fiċ-Ċensiment. Din iċ-ċifra żdiedet għal kważi n-nofs fir-Reġistru tal-KNPD tas-sena 2008.
- B'differenza miċ-Ċensiment, hemm aktar irġiel b'diżabilità milli nisa reġistrati mal-KNPD.
- Hemm kważi d-doppju ta' persuni b'nuqqas ta' vista fiċ-Ċensiment meta mqabbel ma' dawk reġistrati mal-KNPD, kemm fl-2005 kif ukoll fl-2008.
- Il-persuni b'nuqqas intellettwali reġistrati fiċ-Ċensiment huma kważi terz ta' dawk reġistrati mal-KNPD fl-2005 u ftit aktar fir-reġistru tal-2008.

Dan ir-rapport jagħti xi ftit indikazzjonijiet dwar il-kwalità tal-ħajja tal-persuni b'diżabilità f'Malta. Xi wħud mill-konklużjonijiet miġbuda huma interessanti u jqajmu mistoqsijiet oħra li tajjeb li jiġu studjati f'aktar dettall.

Nittamaw li dan ir-rapport ikun il-bidu ta' dibattitu u aktar riċerka fil-qasam tal-persuni b'diżabilità f'Malta, filwaqt li jservi bħala bażi għal tqabbil li jista' jsir meta fil-futur isir Ċensiment ieħor


KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Ċentru Ħidma Soċjali, Istitut Vincenzo Bugeia, Santa Venera
Tel: 2148 7789, Fax: 2148 4609, Textelefon: 2144 6536
Email: helpdesk@knpd.org

www.knpd.org


# Il-Kwalità tal-Ħajja

## tal-Persuni b'Diżabilità f'Malta



### XI TWEĠIBIET MIĊ-ĊENSIMENT 2005


KUMMISSJONI NAZZJONALI
PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Ċentru Ħidma Soċjali
Istitut Vincenzo Bugeia, Santa Venera
Tel: 2148 7789, Fax: 2148 4609
Textelefon: 2144 6536
Email: helpdesk@knpd.org

www.knpd.org




RAPPORT FIL-QOSOR

## IR-RAPPORT FIL-QOSOR

Il-kwestjonarju taċ-Ċensiment tal-2005, li sar mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, kien jinkludi mistoqsija dwar in-numru ta' persuni b'diżabilità f'kull dar. It-tweġibiet għal din il-mistoqsija jagħtuna minjiera ta' informazzjoni li tista' toħroġ dwar kull aspett tal-ħajja inkluża fil-kwestjonarju ta' dan iċ-Ċensiment.

Barra t-tagħrif demografiku, numru ta' temi ntgħażlu biex jiġu analizzati f'dan l-istudju. Dawn huma: l-edukazzjoni, ix-xogħol, id-djar, l-internet u l-isport. Biex nifhmu aktar is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità, l-informazzjoni ġiet imqassma skont jekk humiex persuni b'diżabilità jew le, skont l-età tal-persuni b'diżabilità, skont humiex femminil jew maskil, skont it-tip tan-nuqqas[1] u skont id-distrett[2] fejn joqogħdu. L-informazzjoni demografika miċ-Ċensiment tqabblet ukoll mal-informazzjoni li l-Kummissjoni żżomm fir-Reġistru tagħha. Dan sar biex ikollna indikazzjoni kemm l-informazzjoni tal-KNPD dwar il-persuni b'diżabilità f'Malta hi rappreżentattiva jew le.

Dan ir-rapport qed isir biex ikollna ħarsa ġenerali dwar x'inhi l-kwalità tal-ħajja tal-persuni b'diżabilità f'Malta. Xi konklużjonijiet li ħarġu minn dan l-istudju jeħtieġu analiżi aktar dettaljata, li forsi tista' ssir aktar 'il quddiem bħala kontinwazzjoni ta' dan ir-rapport. Ir-rapport sħiħ ta' dan l-istudju bl-Ingliż qiegħed fuq il-websajt tal-KNPD: www.knpd.org

Kif joħroġ mill-istatistika analizzata f'dan ir-rapport, hemm bżonn ta' titjib fil-kwalità tal-ħajja tal-persuni b'diżabilità f'Malta.

[1] Il-gruppi ta' persuni b'diżabilità skont in-nuqqas huma:

- persuni b'nuqqas ta' vista
- persuni b'nuqqas ta' smigħ
- persuni b'nuqqas fiżiku
- persuni b'nuqqas intellettwali
- persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali
- persuni b'nuqqas "ieħor"
- persuni b'aktar minn nuqqas wieħed

[2] Id-distretti huma:

- **Port Naħa ta' Nofsinhar:** il-Belt Valletta, il-Birgu, Bormla, l-Isla, Ħaż-Żabbar, il-Fgura, Floriana, il-Kalkara, Ħal Luqa, il-Marsa, Raħal Ġdid, Santa Luċija, Ħal Tarxien, ix-Xgħajra
- **Port Naħa tat-Tramuntana:** Birkirkara, il-Gżira, il-Ħamrun, l-Imsida, Pembroke, il-Pietà, Ħal Qormi, San Ġiljan, San Ġwann, Santa Venera, Tas-Sliema, is-Swieqi, Ta' Xbiex
- **Xlokk:** Birżebbuġia, il-Gudja, Ħal Għaxaq, Ħal Kirkop, Wied il-Għajn, Marsaxlokk, l-Imqabba, il-Qrendi, Ħal Safi, iż-Żejtun, iż-Żurrieq
- **Punent:** Ħ'Attard, Ħal Balzan, Ħad-Dingli, l-Iklin, Ħal Lija, ir-Rabat, l-Imtarfa, l-Imdina, is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ
- **Tramuntana:** il-Għargħur, il-Mellieħa, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, San Pawl il-Baħar
- **Għawdex u Kemmuna**

PERSUNI B'DIŻABILITÀ U BLA DIŻABILITÀ

## PERSUNI B'DIŻABILITÀ U BLA DIŻABILITÀ

Kważi f'kull aspett tal-ħajja, il-persuni b'diżabilità huma aktar żvantaġġjati minn persuni bla diżabilità.

**Il-konklużjonijiet prinċipali huma:**

- 5.89% tal-popolazzjoni kollha ta' Malta u Għawdex għandhom diżabilità.
- Il-persuni b'diżabilità għandhom livell aktar baxx ta' edukazzjoni, anqas ikomplu jistudjaw u huma 4 darbiet aktar illitterati minn persuni bla diżabilità.
- Il-persuni b'diżabilità huma 3 darbiet anqas impjegati meta mqabbla ma' persuni bla diżabilità, u jekk huma impjegati huma d-doppju impjegati f'xogħolijiet elementari.
- Persuni b'diżabilità huma 12-il darba aktar li jgħixu f'istituzzjoni minn persuni bla diżabilità, għandhom probabilità akbar li jgħixu f'dar li mhix fi stat tajjeb u għandhom anqas affarijiet tad-dar li m'humiex essenzjali.
- Persuni b'diżabilità għandhom anqas kompjuter u anqas aċċess għall-internet.
- Persuni b'diżabilità jipparteċipaw anqas fl-isport.



Il-persuni b'diżabilità huma tliet darbiet anqas impjegati meta mqabbla ma' persuni bla diżabilità, u jekk huma impjegati huma d-doppju impjegati f'xogħolijiet elementari

## NISA U RĠIEL B'DIŻABILITÀ

Xi grupp ta' persuni b'diżabilità huma f'riskju akbar li jkunu żvantaġġjati u ddiskriminati. Per eżempju, meta tqabbel in-nisa b'diżabilità mal-irġiel b'diżabilità, joħroġ ċar li n-nisa b'diżabilità huma aktar żvantaġġjati mill-irġiel b'diżabilità f'diversi oqsma.

**Il-konklużjonijiet prinċipali huma:**

- Il-persentaġġ ta' nisa b'diżabilità meta mqabbel mal-irġiel b'diżabilità jiżdied bl-età.
- Hemm aktar irġiel b'diżabilità miżżewġin però hemm erba' darbiet aktar romol nisa b'diżabilità milli romol irġiel b'diżabilità.
- Hemm aktar nisa b'diżabilità milli rġiel b'diżabilità li spiċċaw l-edukazzjoni tagħhom fil-livell primarju.
- Hemm aktar nisa b'diżabilità milli rġiel b'diżabilità li ma għandhom l-ebda kwalifika.
- Irġiel b'diżabilità huma tliet darbiet aktar impjegati minn nisa b'diżabilità, u n-nisa b'diżabilità huma 34 darba aktar li jieħdu ħsieb id-dar jew il-familja.
- Huma kważi d-doppju tan-nisa b'diżabilità li joqogħdu f'istituzzjoni meta mqabbla mal-irġiel b'diżabilità. Jekk ma jkunux qed jgħixu f'istituzzjoni, hemm aktar nisa b'diżabilità milli rġiel b'diżabilità li jgħixu f'dar li mhix fi stat tajjeb.

**Irġiel b'diżabilità huma tliet darbiet aktar impjegati minn nisa b'diżabilità**



- Hemm aktar irġiel b'diżabilità li għandhom kompjuter u aċċess għall-internet milli nisa b'diżabilità.

Dawn l-iżvantaġġi jridu jitqabblu mas-sitwazzjoni ta' rġiel u nisa bla diżabilità biex wieħed ikun jaf aħjar kemm hu kbir ir-riskju li n-nisa b'diżabilità jkollhom riskju ta' diskriminazzjoni doppja għax huma nisa.

## PERSUNI B'DIŻABILITÀ SKONT L-ETÀ

Persuni b'diżabilità aktar avvanzati fl-età aktarx li huma f'riskju akbar li jkunu żvantaġġjati minn persuni b'diżabilità ta' età iżgħar.

Meta tqabbel persuni b'diżabilità fi gruppi ta' etajiet differenti, il-konklużjonijiet prinċipali huma dawn:

- L-inċidenza ta' ċerti nuqqasijiet tiżdied mal-età. L-akbar żieda hi fil-kategorija ta' persuni li għandhom nuqqas fiżiku u ftit anqas fil-kategorija ta' persuni li għandhom aktar minn nuqqas wieħed. Dan jimplika li l-inċidenza ta' dawn in-nuqqasijiet tiżdied bl-età.
- L-inċidenza ta' xi nuqqasijiet oħra tonqos mal-età. L-akbar tnaqqis jinsab fil-kategorija ta' persuni li għandhom nuqqas intellettwali u bi grad anqas fil-kategorija ta' persuni li għandhom nuqqas "ieħor". Dan jimplika li dawn il-persuni għandhom ħajja iqsar.

**Persuni b'diżabilità ta' età aktar avvanzata jgħixu aktar f'istituzzjoni u aktarx li l-istat tad-dar tagħhom hi agħar**

- L-inċidenza ta' persuni li għandhom nuqqas ta' saħħa mentali titla' u tinżel. Din tiżdied sal-età ta' 49 sena u mbagħad terġa' tibda tonqos.
- Persuni b'diżabilità ta' età żgħira damu aktar snin l-iskola u aktarx li huma aktar ikkwalifikati u anqas illitterati.
- Persuni b'diżabilità ta' età aktar avvanzata jgħixu aktar f'istituzzjoni u aktarx li l-istat tad-dar tagħhom hi agħar.
- L-aċċess għall-kompjuter u għall-internet hu ogħla mal-persuni b'diżabilità ta' età iżgħar.

Wieħed irid jara din l-istatistika f'kuntest soċjali aktar wiesa'. Per eżempju, l-edukazzjoni sekondarja ma kinetx obbligatorja għall-persuni li llum għandhom 60 sena. Dan il-fatt jaqbel mal-persentaġġ għoli ta' persuni b'diżabilità ta' età akbar u li għandhom xogħol aktar elementari minn dawk ta' età iżgħar.

L-istatistika dwar persuni b'diżabilità anzjani u rtirati hija kif wieħed jistenna li tkun. Iż-żieda fl-istituzzjonalizzazzjoni mal-età tista' titqies ukoll bħala xi ħaġa li wieħed jistenna fil-ħajja tal-lum, għalkemm ta' min wieħed jirrimarka li l-istat tad-dar teħżien mal-età tal-persuna konċernata. Forsi mhux daqshekk sorprża wkoll hi l-konklużjoni li hemm anqas persuni ta' età akbar li jużaw l-internet milli persuni b'diżabilità ta' età żgħira. L-istess dwar il-parteċipazzjoni fl-isport.

## PERSUNI B'DIŻABILITÀ SKONT IN-NUQQAS

Hemm ħafna affarijiet komuni bejn persuni b'nuqqasijiet differenti għalkemm hemm xi differenzi wkoll.

**Il-konklużjonijiet prinċipali huma dawn:**

- Kważi terz tal-persuni b'diżabilità għandhom nuqqas fiżiku.
- Hemm tnaqqis ta' persuni b'nuqqas intellettwali jew ta' saħħa mentali fil-gruppi ta' etajiet aktar avanzati.
- Persuni b'nuqqas intellettwali aktar ma jiżżewġux meta mqabbla ma' persuni b'diżabilitajiet oħra.
- Aktar persuni b'nuqqas intellettwali attendew skola speċjali milli persuni b'nuqqasijiet oħra. Dawk li attendew skola regolari aktarx li waslu sal-livell primarju biss.
- Persuni b'nuqqas intellettwali huma l-aktar bla kwalifiki u huma d-doppju illitterati meta mqabbla ma' persuni b'nuqqasijiet oħra.
- Persuni li għandhom nuqqas ta' vista huma l-aktar li ma attendewx skola speċjali u l-anqas li huma illitterati meta mqabbla ma' persuni b'nuqqasijiet oħra.
- Persuni b'nuqqas intellettwali u b'nuqqas ta' saħħa mentali huma anqas impjegati. Jekk huma impjegati, il-probabilità li jkollhom xogħol elementari hi akbar, u dan jgħodd l-aktar għall-persuni b'nuqqas intellettwali.

**Persuni b'nuqqas intellettwali aktar ma jiżżewġux meta mqabbla ma' persuni b'diżabilitajiet oħra**

- Persuni li għandhom nuqqas ta' vista huma aktar fl-impjieg minn persuni li għandhom nuqqasijiet oħra.
- Persuni li għandhom aktar minn nuqqas wieħed huma l-persuni b'diżabilità li l-aktar jgħixu f'istituzzjoni jew f'dar li mhix fi stat tajjeb.

Dan kollu juri li l-persuni b'nuqqas intellettwali huma l-aktar li għandhom riskju li jkunu żvantaġġjati f'kull aspett tal-ħajja.

Persuni b'nuqqas ta' saħħa mentali wkoll huma żvantaġġjati aktar fil-qasam tax-xogħol meta mqabbla ma' persuni b'nuqqasijiet oħra. Fl-istatistika relatata mad-djar, persuni li għandhom aktar minn nuqqas wieħed huma l-aktar żvantaġġjati.



**Dan kollu juri li l-persuni b'nuqqas intellettwali huma l-aktar li għandhom riskju li jkunu żvantaġġjati f'kull aspett tal-ħajja**

## PERSUNI B'DIŻABILITÀ SKONT ID-DISTRETT

Meta tqabbel il-persuni b'diżabilità skont is-sitt distretti li fihom jgħixu, wieħed jinnota ċertu differenzi.

**Il-konklużjonijiet prinċipali huma:**

- Il-persentaġġ ta' persuni b'diżabilità li m'humiex miżżewġa hu l-ogħla f'Għawdex u Kemmuna u fid-distrett tal-Punent.
- Persuni b'diżabilità f'Għawdex u Kemmuna huma aktar impjegati f'xogħolijiet elementari.
- Kważi n-nofs tal-persuni b'diżabilità fid-distrett tax-Xlokk (meta mqabbel mal-persentaġġi ta' distretti oħrajn) jgħixu f'istituzzjoni. Filwaqt li dawk li jgħixu fid-distrett tal-Punent, il-persentaġġ għall-persuni li jgħixu f'istituzzjoni hu d-doppju.
- Id-djar ta' persuni b'diżabilità fid-distrett tat-Tramuntana aktarx li huma fi stat aktar tajjeb.
- Il-persuni li jgħixu fid-distrett tat-Tramuntana huma l-aktar li għandhom aċċess għall-kompjuter.

Din l-istatistika turi li persuni li jgħixu fid-distrett tal-Port Nofsinhar aktarx li huma l-aktar żvantaġġjati meta mqabbla ma' persuni ta' distretti oħrajn, l-aktar fejn jidħlu d-djar tagħhom. Din l-istatistika trid titqabbel ma' statistika simili ta' persuni li ma għandhomx diżabilità, għax dawn id-differenzi jistgħu jkunu relatati mal-lokalità ġeografika aktar milli mad-diżabilità.